# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 506/2012**

Il-Pulizija

(Spettur Ramon Mercieca)

vs

**George Chircop**

iben Philip, imwieled Pieta', fit-2 ta' Gunju, 1952, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 457052(M)

Illum, 26 ta' Ottubru, 2016

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant George Chircop quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli fl-ghaxra (10) ta' Lulju tas-sena elfejn u hdax (2011), waqt spezzjoni ta' sorpriza li sehhet gewwa l-Monti (Park and Ride), Floriana, naqas, jew hu jew impjegati tieghu jew xi persuna ohra li kienet qed tagixxi f'ismu, li jaghti jew jipproduci ricevuta ta' taxxa, permezz ta' cash register fiskali li jikkonforma mal-htigijiet specifikati fil-partita ghaxra (10) tat-Tlettax (13) il Skeda li tinsab ma' l-Att ta' 1-1998, dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud fuq bejgh ta' provvista,

skont il-kumpens lilu mhallas ghal dik il-provvista, u dan bi ksur tal-partiti 1,2,3 u 10 ta' l-imsemmija Skeda u l-artikoli 51 u 77(a)(e), 81 u 82(2) ta' l-Att Nru XXIII ta' 1-1998.

Talli fl-istess zmien u fl-istess post, naqas, jew hu jew impjegati tieghu, jew xi persuna ohra 1i kienet qed tagixxi ghan-nom tieghu, li jaghti jew jipproduci ricevuta ta' taxxa f'ghamla li tigi provduta mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud fuq bejgh ta' provvista, u dan bi ksur tal-partiti 1 u 2 tat-Tlettax-il Skeda li tinsab ma' 1-Att ta' 1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud u l-artikoli 51 u 77 (a) ta' l-Att Numru XXIII ta' 1-1998.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-24 ta’ Ottubru, 2012 fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 50, 77(a)(e) u 82 u l-ewwel, it-tieni, it-tielet, l-ghaxar, il-hdax u t-tlettax il-partiti tat-Tlettax il-Skeda tal-Kapitolu 406 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu u ikkundannatu ghal hlas ta' multa ta' tmien mitt euro (€800), filwaqt illi l-Qorti astjeniet milli tiehu konjizzjoni tat-tieni akkuza, stante illi hija alternattiva ghall-ewwel akkuza.

Rat ir-rikors tal-appellant George Chircop tal-5 ta’ Novembru, 2012 fejn talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt illi tikkonfermaha fil-parti fejn l-Ewwel Onorabbli Qorti astjeniet milli tiehu konjizzjoni tat-tieni akkuza stante illi hija aternattiva ghall-ewwel imputazzjoni, thassar u tirrevokha fil-parti fejn sabet lill-appellant hati ta' l-ewwel imputazzjoni, u dan billi tilliberah minnha. Sussidjarjament, tvarja l-piena nflitta.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

L-appellanti umilment tirrileva li, bir-rispett kollu, l-Ewwel Onorabbli Qorti ma setghet qatt ssibu hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontrih, u tikkundannah ghal multa ta' tmien mitt euro (€800), a bazi tal-provi prodotti quddiemha, senjatament fid-dawl ta' dak li xehed huwa stess, bil-gurament tieghu, quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti.

L-unika xhud okulari tal-prosekuzzjoni, kien Matthew Borg l-Ispettur tal-VAT, li spjega li

dak in-nhar kienu fuq xoghol gewwa s-suq u kienu nnutaw illi l-appellanti ma harigtx ricevuta fiskali lill-persuna li kienet ghadha kemm xtrat. Huwa jghid illi kien biss wara li huwa tkellem ma l-appellanti u qallu li kien obbligat johrog ricevuta fiskali, illi l-appellanti hareg ricevuta. Mistoqsi mid-difiza jekk dan kienx l-uniku bejgh fejn l-appellant ma harigtx ricevuta, waqt il-hin ta' osservazzjoni tieghu, huwa jghid li ma jiftakarx. Ighid ukoll illi meta huma waqqfu lill-klijent ta' l-appellant, dan kien ser jitlaq minn ma' l-istand. Dan fil-fatt jikkorrobora x-xiehda ta' l-appellant u cioe' illi l-klijent qabad u telaq minghajr ma stennieh johrog ricevuta fiskali, fil-fatt.

Inoltre, l-istess Spettur la kien f'pozizzjoni li jaghraf lill-appellant, u lanqas illi jiftakar il-hin ta' l-incident. Lanqas id-dettalji tal-persuna li kien ghadu kemm xtara ma gie prodott quddiern l-Ewwel Qorti, jew almenu prodotti d-dettaliji tieghu bhal l-isem tal-persuna jew n-numru tal-karta ta' l-identita taghha.

F'dan l-istadju, l-appellant jilmenta li ghalhekk l-Ewwel Onorabbli Qorti ma setghet qatt ragonevolment tasal biex issib htija fih, u dan peress illi 1-prosekuzzjoni naqset milli ggib l-ahjar prova in sostenn ta' l-akkuzi mressqa, u dan peress illi naqsu milli jipproducu bhala xhud lill-persuna li allegatarnent naqset milli tinghata ricevuta. L-appellant min-naha tieghu, ma setghax iressaq lil din il-persuna bhala xhud, stante li ma jafx min kienet din il-persuna.

L-appellant, bil-gurament tieghu, ikkonferma li huwa dejjem, johrog ricevuta fiskali u spjega kif fid-data in kwistjoni, waqt li kien qieghed ibiegh ma' l-istand tieghu, gie persuna, xtara u hallielu l-flus fuq il-bank. Sakemm mar fejn il-cash sabiex johrog l-rcievuta, gew l-ispetturi tal-VAT, li talbuh sabiex johrog l-istess ricevuta.

Jirrizulta car illi ghalhekk hemm kunflitt ta' prova. Il-verzjoni li ta l-Ispettur tal-VAT, hija wahda ghal kollox differenti minn dik ta' l-appellant, li bil-gurament tieghu baqa' jsostni li huwa kien fil-fatt se johrog din l-ircevuta. It-terza persuna li kienet involuta fl-kaz ma ngibitx bhala xhud, u ghalhekk l-Ewwel Onorabbi Qorti, ma setghet qatt tkun konvinta rnill-htija ta' l-appellant, lill hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni. Dan ifisser illi l-

appellant kellu ghalhekk jigi liberat ukoll minn l-ewwel akkuza migjuba fil-konfront tieghu, kemm minhabba nuqqas ta' provi, kif ukoll minhabba konflitt ta' provi.

L-appellant, bir-rispett kollu, jirrileva li jidher car illi l-Ewwel Onorabbli Qorti strahet fuq ix-xhieda ta' l-Ipettur tal-VAT, u skartat kompletament ix-xhieda tieghu, u dan minghajr ebda raguni valida, stante li l-appellant kien xhud konsistenti u kredibbli f'dak li qal u jikkostitwixxi prova sal-grad tal-probabbli. Mill-banda l'ohra, il-prosekuzzjoni, naqset milli tipprova l-kaz taghha lil hnn minn kull dubbju dettat mir-raguni

Inoltre, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponent tilmenta wkoll mill-fatt illi l-piena erogata minn l-Ewwel Onorabbli Qorti, kienet wahda ecessiva, tenut kont tac-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz fejn l-appellant ma nghatax il-piena minima, u dan sempliciment ghax ghazel li jikkontesta l-kaz tieghu.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi fl-10 ta' Lulju, 2011 ghal habta tad-9.00 a.m. spetturi tad-Dipartiment tal-VAT kienu qed jaghmlu spezzjoni fl-akkwati tal-park and Rida, Floriana fejn kien armat is-suq. Huma marru fuq il-post tal-appellant u raw li kljent kien xtara minghandu u l-appellant ma kienx tak ricevuta.

Illi l-appellant ma qabilx mat-tezi tal-ispetturi u xehed li meta marru fuqu, hu kien qed johrog ir-ricevuta dak il-hin. L-appellant qallhom ukoll li hu 'exempt' izda l-ispetturi nsistew li kellha tinhareg ricevuta.

Fil-fatt, l-appellant hu persuna 'exempt'. Jirrizulta li bl-Avviz Legali 524 ta' l-2010 pubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern tas-17 ta' Dicembru, 2010, persuna registrat taht l-artikolu 11 ta' l-Att XXIII ta' l-1998 u li fis-sena 2010 iddikjaraw provvisti li jammontaw ghal anqas minn seba' telef euro (€7,000) tigi deregistrata mill-Kummissarju tat-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud b'effett mill-1 ta' Jannar, 2011. L-appellant jaqa' f'din il-kategorja mid-dokument li gie ezebit. L-effett finali hu li tnehhew minn fuq dawn il-persuni f'din il-kategorija l-obbligi fiskali kollha mposti fuqhom permezz ta' l-imsemmi Att u ghalhekk ma kienx baqa' l-htiegja li jirrilaxaw ricevuti fiskali ghall-bejgh li jaghmlu. Ghalhekk, fid-data ta' l-ispezzjoni fl-10 ta' Lulju, 2011 hu kien digja gie effettivament registrat, ma kellhux ghalfejn jirrilaxxa ricevuta ghall-bejgh li kien ghamel.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet tilqa l-appell ta' George Chircop. Thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u tehles minn kull htija u piena lil George Chircop.